MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 261/2005

**A.**

**-vs-**

**B.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fid-29 ta' Lulju, 2005 li permezz taghha l-attur ippremetta:

Illi l-attur izzewweg lill-konvenuta fis-16 ta' Mejju, 1998 (Dok. A), mil-liema zwieg ma twieldux tfal.

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett

serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha;

U illi l-kunsens tal-partijiet kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg iniffsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

U illi, ghalhekk, l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini tal-artikolu 19 (1) (d) u/jew (f) u/jew (h) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta li Jirregola z-Zwigijiet.

Ghalhekk titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikuntrattat bejn l-attur u l-konvenuta huwa null u bla effett.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija ngunta sabiex tidher in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijietipprezentata fl-1 ta' Settembru, 2005 li permezz taghha l-konvenuta eccepixxiet:

Illi hija ma topponiex ruhha ghan-nullita taz-zwieg innifsu imma tali nullita hija dovuta unikament u biss ghall vizzju ta' kunsens da parti tal-attur u allura huwa dan li ghandu jehel l-ispejjez kollha tal-kawza;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali, kompriz in-nota a fol 30 tal-process li tindika li l-proceduri quddiem it-Tribunal Ekklesjastiku gew irtirati.

Rat l-affidavits ta’ l-attur u ta’ Omissis

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta’ Dicembru, 2005 illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed titlob l-annullament taz-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fis-16 ta’ Mejju, 1998 minhabba r-ragunijiet indikati fic-citazzjoni li huma ragunijiet li jaghtu lok ghall-annullament ta’ zwieg skond il-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta. Il-konvenuta qablet ma’ din it-talba, ghalkemm qed tghid li r-ragunijiet huma imputabbli lill-attur, izda kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin *f’materja ta’ zwieg illi huwa ta’ ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-ohra tammetti u b’hekk jirrendu z-zwieg annullabli bl-iktar mod facli u espedjenti. ... Hawn ma ahniex fil-kamp ta’ kreditu likwidu jew responsabilita’ ta’ xi kollizjoni imma f’kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kappriccizoment wara xi zmien ta’ zwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta’ diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullament tieghu l-istess zwieg ghandu jigi annullat pero’ dan ma ghandux ikun sabiex jigu akkomodati l-kapricci ta’ dak jew l-iehor. Ghalhek il-kawzali ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubbju* (Anna Tonna vs Alexander Tonna deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta’ Novembru, 1991).

Ir-ragunijiet citati mill-attur jirrigwardjaw dawn is-subartikoli;

19 (1) (d) – vizju tal-kunsens ta’ xi parti li jkun b’difett serju ta’ diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b’anomalija serja psikologika li taghmilha impossibbli li dik il-parti taqdi l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

19 (1) (f) – li l-kunsens ta’ xi parti jkun inkiseb b’eskluzzjoni posittiva taz-zwieg jew xi element essenzjali tieghu, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg .

19 (1) (h) – jekk xi parti ghalkemm mhux interedetta ma jkollhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg setghat intelletwali jew ta’ rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

Mill-provi mressqa mill-attur jidher li ghall konvenuta l-iktar haga mportanti kienet il-karriera taghha fil-qasam tal-muzika u fuq dan kienet inkorragitha mill-familjari taghha. Pero’ l-iktar zewg kawzali importanti li dwarhom xehed l-attur huwa l-fatt li l-konvenuta qatt ma riedet li jkollhom tfal (infatti ma kellhomx) u l-fatt li skond l-attur kienet ammettiet mieghu li kellha relazzjoni ma’ ragel iehor qabel iz-zwieg, haga li kienet ma qaltlu qabel. Jezistu allura rekwisiti ai termini tas-sub-artikoli (d) u (f) ghall-annullament taz-zwieg.

Rigward ta’ l-eskluzjoni tat-tfal il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza Anna Galea vs John Walsh (1995 – Prim’Awla) fejn il-Qorti spjegat fl-ikbar dettal ghaliex ir-rifjut ta’ wiehed mill-partijiet li jkollu t-tfal tikkostitwixxi kawzali biex zwieg jigi annullat.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa’ t-talba ta’ l-attur u tiddikjara null iz-zwieg bejn il-kontendenti kontrattat fis-16 ta’ Mejju, 1998. L-ispejjes jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------